REGISTRY GOZO COURTS
14 JUN 2019
RECEIVED

177

Fil-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex)
Ġurisdizzjoni Superjuri
Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Ġenerali

Fl-Atti tas-Subbasta Nru 3/2017 PC fl-ismijiet:

**Anthony u Alice Vella**

**vs**

**Louis u Maryanne Farrugia**

Rapport tal-***Avukat Dottor Jean Paul Grech*** ta' Jon Apartments, Flat 1, Triq Fortunato Mizzi, Rabat, Għawdex, detentur tal-karta tal-identita` numru 90080(M)

Jesponi bir rispett:

- ***Preliminari***

1. Illi b'rikors preżentat fis-sebgha u ghoxrin (27) ta' Marzu 2017 Anthony u Alice konjugi Vella ippremettew is-segwenti:

(a) Li l-esponenti gew kanonizzati kredituri fil-konfront tal-intimati fl-ammont ta' tmint elef erba' mija u tmienja u sittin ewro u sebgha u hamsin centezmu (€ 8,468.57) permezz tal-ittra ufficjali 166A numru 39/2016 bhala *sorte* flimkien mal-ispejjez u interessi relattivi u dan kif dettaljatament spjegat fil-mandat ta' sekwestru ipprezentat fl-istess ismijiet;

(b) Illi l-istess konjugi Farrugia huma l-propjetarji tas-segwenti beni mmobbli:

i. L-arji intizi ghall-formazzjoni tal-garages minghajr l-arja taghhom li internament ser ikunu markati bin-numri tlieta (3) u sebgha (7) u li se jkunu fis-semi basement level u formanti parti minn korp ta' bini li sejjer jinbena wara d-demolizzjoni tal-proprjeta` numri ghaxra (10) u hdax (11) fi Triq Dun Pawl Micallef gia` Triq Sant' Wistin, Victoria, Ghawdex;

ii. Ir-ristorant minghajr numru u bl-isem "Tritons" fi Triq ir-Rabat, Marsalforn, limiti taz-Zebbug, Ghawdex, liema

ristorant jifforma parti minn korp ta' bini mibni fuq art li irrizultat wara d-demolizzjoni tal-propjetajiet numri sbatax (17), tmintax (18) u dsatax (19) fi Triq ir-Rabat, Marsalforn, limiti taz-Zebbug, Ghawdex u konfinanti lvant mat-triq imsemmija, nofsinhar ma' beni tal-Kurja u tramuntana ma' beni ta' Joseph Saliba jew irjieh verjuri;

2. Għaldaqstant ir-rikorrenti talbu bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti sabiex jogħġobha:

(a) tahtar Perit Tekniku a tenur tal-Artikolu 89 tal-istess Kapitolu 12 u tiffissa zmien qasir u perentorju sabiex jipprezenta l-istima tal-propjetajiet indikati fl-imsemmija sentenza u taghti dawk l-ordnijiet necessarji ghall-adempjiment ta' dan l-inkarigu;

(b) Tiffissa l-jum, hin u lok tal-bejgh tal-immobbli fuq deskritti;

(c) Tordna lir-Registratur sabiex jiehu hsieb jippubblika d-debiti avvizi a tenur tal-Artikolu 313 tal-Kapitolu 12 ghall-bejgh bl-irkant tal-immobbli fuq deskritti;

(d) Tordna lir-Registratur jinforma lid-Direttur tar-Registru Pubbliku u lir-Registratur tal-Artijiet bid-digriet relattiv, u

(e) Tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku biex jirregistra minnufih id-digriet fi ktieb li ghandu jinzamm ghal dan il-ghan fir-Registru Pubbliku.

3. Illi b'digriet mogħti minn din l-Onorabbli Qorti fl-erbgha (4) ta' Dicembru 2017, l-esponenti ġie nominat sabiex jeżamina d-dokumenti esebiti u okkorrendo jikseb ir-riċerki u jirraporta lill-Qorti dwarhom;

4. Illi l-esponenti ha hsieb li huwa jottjeni r-ricerki relattivi, liema ricerki qeghdin jigu markati bhala **Dokument JPG 1 sa JPG 6** kif wkoll ha hsieb li jaggorna l-istess ricerki;

5. Illi l-esponenti ottjena wkoll kopja tal-*primo ricorso* sabiex huwa jkun jista' jespleta l-inkarigu tiegħu u ħejja s-segwenti rapport.

- ***Elenku tad-Dokumenti***

| | |
|---|---|
| **Dokument JPG 1** | Riċerki ta' Louis u Maryanne Farrugia li jkopru sal-erbgha u ghoxrin (24) ta' April 2012 |
| **Dokument JPG 2** | Ricerki ta' Louis Farrugia li jkopru sal-erbatax (14) ta' Ottubru 2016 |
| **Dokument JPG 3** | Ricerki ta' Louis Farrugia li jkopru sal-hmistax (15) ta' Settembru 2018 |
| **Dokument JPG 4** | Ricerki ta' Mary Anne Farrugia li jkopru sal-hmistax (15) ta' Settembru 2018. |
| **Dokument JPG 5** | Ricerki ta' Louis Farrugia mill-hmistax (15) ta' Dicembru 1998 sad-disgha u ghoxrin (29) ta' Frar 2000. |
| **Dokument JPG 6** | Ricerki ta' Louis u Maryanne Farrugia mill-hmistax (15) ta' Settembru 2018 sas-sebgha (7) ta' Gunju 2019 |
| **Dokument JPG 7** | Ricevuta tal-Hlas tar-Ricerki Ottenuti. |
| **Dokument JPG 8** | Ricevuta tal-Hlas tar-Ricerki Ottenuti |
| **Dokument JPG 9** | Kopja tal-kuntratt datat erbatax (14) ta' Novembru 1994 |
| **Dokument JPG 10** | Estratt tal-Ipoteki koncernanti l-fondi mertu ta' din is-subbasta |
| **Dokumenti JPG 11** | Kalkolu tal-Valur tal-Ipoteki registrati fuq ir-ristorant formanti parti mill-blokk "Tritons Court", Triq ir-Rabat, Marsalforn, Zebbug, Ghawdex |

| | |
|---|---|
| **Dokument JPG 12** | Kalkolu tal-Valur tal-Ipoteki registrati fuq l-arji intizi ghall-formazzjoni tal-garaxxijiet tlieta (3) u sebgha (7) li sejrin jinbnew fuq is-sit li kien okkupat mill-proprjeta` numri ghaxra (10) u hdax (11) fi Triq Dun Pawl Micallef, Victoria, Ghawdex |
| **Dokument JPG 13** | Ricevuta ghax-xiri ta' noti tal-insinwa |

- ***Ir-Riċerki Esebiti u Eżaminati mill-Esponenti***

6. In adempjiment tal-inkarigu tiegħu l-esponenti ezamina r-riċerki kollha mgħoddija lilu mil-legali tar-rikorrenti Dr Joseph Grech kif wkoll dawk ottenuti minnu. Ir-ricerki fil-maggior parti kbira taghhom saru limitatament ghal Ghawdex, ghalkemm hemm xi ricerki minnhom li jirreferu wkoll ghal Malta.

7. Ir-riċerki esebiti jirrelataw ghall-perijodu kif indikat hawn taht:

| Isem | Riċerki | Dati tar-Riċerki |
|---|---|---|
| Louis Farrugia | Liabilities | 01/01/1948 – 07/06/2019 |
| | Transfers | 01/01/1976 – 07/06/2019 |
| | Fidi | 29/02/2000 – 24/05/2012[1] |

| Isem | Riċerki | Dati tar-Riċerki |
|---|---|---|
| Mary Anne Farrugia | Liabilities | 01/01/1966 – 07/06/2019 |
| | Transfers | 01/01/1966 – 07/06/2019 |
| | Fidi | 15/03/1998 – 24/05/2012[2] |

[1] Dawn ir-ricerki ma kienx hemm htiega li jigu aggornati.

[2] Dawn ir-ricerki ma kienx hemm htiega li jigu aggornati.

- ***Titolu tal-Proprjetajiet li sejrin jinbiegħu***

(a) **L-arji intizi ghall-formazzjoni tal-garages minghajr l-arja taghhom li internament ser ikunu markati bin-numri tlieta (3) u sebgha (7) u li se jkunu fis-semi basement level u formanti parti minn korp ta' bini li sejjer jinbena wara d-demolizzjoni tal-proprjeta` numri ghaxra (10) u hdax (11) fi Triq Dun Pawl Micallef gia` Triq Sant' Wistin, Victoria, Ghawdex;**

*A. Il-Fond Numru Ghaxra (10), Triq Dun Pawl Micallef, Victoria, Ghawdex*

In-nofs indiviz tal-fond numru ghaxra (10) bil-gardina retroposta fi Triq Dun Pawl Micallef, Rabat, gie akkwistat minn Mary Anne Farrugia b'titolu ta' legat mill-wirt u s-successjoni ta' ommha Maria Carmela sive Carmela Galea. Id-dikjarazzjoni *causa mortis* tal-istess Carmela Galea saret b'kuntratt datat hmistax (15) ta' April 2005 pubblikat fl-atti tan-Nutara Maria Grima (GI 1274/2005).

In-nofs indiviz l-iehor tal-istess fond numru ghaxra (10) u l-gardina retroposta gie akkwistat minn Mary Anne Farrugia b'titolu ta' legat mill-wirt u s-successjoni ta' missierha Michael Galea. Id-dikjarazzjoni *causa mortis* tal-istess Michael Galea saret b'kuntratt datat wiehed u tletin (31) ta' Awissu 2012 pubblikat fl-atti tan-Nutara Maria Grima (GI 1614/2012).

L-immissjoni fil-pussess tal-intier tal-istess fond saret mill-werrieta ta' Carmela u Michael konjugi Galea a favur ta' Maryanne Farrugia bis-sahha tat-tieni parti tal-kuntratt datat wiehed u tletin (31) ta' Awissu 2012 pubblikat fl-atti tan-Nutara Maria Grima (GI 1614/2012). Carmela u Michael konjugi Galea kienu akkwistaw ddan il-fond b'att datat hdax (11) ta' Mejju 1989 pubblikat fl-atti tan-Nutar Michael Refalo.

*B. Il-Fond Numru Ghaxra (10), Triq Dun Pawl Micallef, Victoria, Ghawdex*

Il-fond numru hdax (11) fi Triq Dun Pawl Micallef gie akkwistat mill-konjugi Farrugia bis-segwenti modalita`:

(i) In parti permezz ta' kuntratt ta' bejgh datat tmienja (8) ta' Mejju 1976 pubblikat fl-atti tan-Nutar Dottor Joseph Spiteri (GI 489/2016). B'dan l-att Farrugia kienu xtraw l-utile dominju perpetwu mill-poter ta' Michelino Galea u d-dirett dominju mill-poter tal-Prebenda Arcipretali tal-Knisja tan-Nadur u ghalhekk l-assoluta propjeta; u

(ii) u in parti permezz ta' kuntratt ta' bejgh datat erbgha u ghoxrin (24) ta' Marzu 1977 mill-poter tal-Kunvent ta' Santu Wistin pubblikat fl-atti tan-Nutar Giuseppi Cauchi (GI 266/1977).

Jigi senjalat li t-triq kienet maghrufa bl-isem ta' Triq Sant' Wistin qabel inbidlilha isimha ghal Triq Dun Pawl Micallef.

**(b) Ir-restaurant minghajr numru u bl-isem "Tritons" fi Triq ir-Rabat, Marsalforn, limiti taz-Zebbug, Ghawdex, liema restaurant jifforma parti minn korp ta' bini mibni fuq art li irrizultat wara d-demolizzjoni tal-propjetajiet numri sbatax (17), tmintax (18) u dsatax (19) fi Triq ir-Rabat, Marsalforn, limiti taz-Zebbug, Ghawdex u konfinanti lvant mat-triq imsemmija, nofsinhar ma' beni tal-Kurja u tramuntana ma' beni ta' Joseph Saliba jew irjieh verjuri;**

Is-sit li fuqu gie mibni r-restaurant gie akkwistat mill-konjugi Farrugia bis-segwenti modalita`:

(i) Il-fond numru sbatax (17) fi Triq ir-Rabat, Marsalforn, limiti Zebbug, Ghawdex inkluz il-gardina tal-kejl ta' cirka mitejn u hamsa u ghoxrin punt zero tnejn metri kwadri (225.02m.k.) u l-parapett gie akkwistat b'titolu ta' sub-enfitewsi temporanja mill-poter ta' Franco Masini L.P. Din is-sub-enfitewsi taghlaq fis-sena 2061. Dan l-akkwist kien sar b'att pubblikat fil-hamsa u ghoxrin (25) ta' Gunju 1978 min-Nutar Francis Micallef (GI 602/1978). L-akkwist sar minn Louis u George ahwa Farrugia flimkien. George Farrugia imbaghad biegh is-sehem tieghu lil Louis Farrugia bis-sahha ta' kuntratt datat hmistax (15) ta' Lulju 1981 pubblikat fl-atti tan-Nutar Michael Refalo (GI 744/1981). Bis-sahha ta' kuntratt datat erbatax (14) ta' Lulju 2005 pubblikat fl-atti tan-Nutar Dr Keith Francis German (GI 2347/2005) Louis u Maryanne Farrugia xtraw mill-poter tal-Gvern ta' Malta id-dirett dominju temporanju u s-sub-cens annwu u temporanju u b'hekk l-assoluta propjeta tal-istess fond. Il-fond baqa' suggett ghac-cens annwu u perpetwu ta' tlieta u hamsin centemzu (Lm 0.53) illum pari ghal ewro u tlieta u ghoxrin centezmu (€ 1.23).

(ii) Il-fond numru tmintax (18) drabi ohra maghruf wkoll bhala l-fond numru dsatax (19) gie akkwistat minn Louis Farrugia u martu Mary Anne Farrugia b'kuntratt oneruz datat tmintax (18) ta' Novembru

1994 pubblikat fl-atti tan-Nutar Michael Refalo (GI 1945/1994). Il-konjugi Farrugia kienu xtraw l-utile dominju perpetwu fuq nofs indiviz mill-poter tal-kumpanija JCR Limited u d-dirett dominju tal-istess nofs indiviz mill-poter ta' Joseph u Mary konjugi Attard. In-nofs indiviz l-iehor (li ma kien suggett ghall-ebda cens) xtrawh bl-istess kuntratt mill-poter ta' Carmelo Mercieca. B'hekk il-konjugi Farrugia saru s-sidien tal-intier ta' dan il-fond hieles minn kwalunkwe cens. Jigi senjalat li fil-provenjenza li hija indikata fir-ricerki b'mod partikolari f'diversi noti tal-insinwa, id-data ta' din il-kuntratt hija erronjament indikata bhala erbatax (14) ta' Novembru 1997 meta fir-realta trid tkun erbatax (14) ta' Novembru 1994. Ghall-fini ta' kjarezza l-esponenti qieghed jannetti kopja ta' dan il-kuntratt li qed tigi markata bhala **<u>Dokument JPG 9</u>**.

---

- ***<u>Ipoteki/Privileġġi Registrati fil-Konfront ta' Louis u Maryanne konjugi Farrugia</u>***

L-ipoteki / privileġġi reġistrati fil-konfront ta' Louis u Maryanne konjugi Farrugia huma s-segwenti:

| **Ipoteka Numru** | **Kreditur** | **Ammont** | **Garanzija / Noti Oħra** |
|---|---|---|---|
| 463/1989 | | | Kancellata b'noti 70/1995 u 116/1995 |
| 1612/1990 | George Galea u ohrajn | Lm 100 (€ 232.94) – hlas ta' cens dovut | SP[3] fuq fond numri 52 u 54, fi sqaq li jinfed ghal Triq tal-Ghajn, Fontana gia Victoria; |
| 973/1992 | | | Kancellata b'nota 163/1993 |
| 25/1993 | | | Kancellata b'nota 71/1995 |
| 340/1994; korretta b'nota 435/1994 | Mid-Med Bank | Lm 25,000 (€ 58,234.33) - Self | GH[4]; SH[5] fuq ir-ristorant Tritons Lodge nru 17, Triq ir-Rabat, Marsalforn, Zebbug; |
| 345/1994 | Mid-Med Bank | Lm 35,000 (€ 81,528.07) - Overdraft | GH; SH fuq ir-ristorant Tritons Lodge nru 17, Triq ir-Rabat, Marsalforn, Zebbug; |
| 1432/1994 | Joseph Attard JCR Limited Carmelo Mercieca | Lm 60,000 (€ 139,762.40) – bilanc tal-prezz | SP fuq il-fond nru 18, Triq ir-Rabat, Marsalforn, Zebbug, Ghawdex |
| 1434/1994 | Francis Caruana Limited | Lm 98,000 (€ 228,728.59) – valur ta' materjal mixtri | SH fuq il-fond nru 18, Triq ir-Rabat, Marsalforn, Zebbug, Ghawdex |
| 404/1995 | APS Bank Limited | Lm 6,000 (€ 13,976.24) - Self | GH; SH fuq appartament numru 1, fi blokk nru 11, Triq Pejpu, Kercem; |
| 8/1995 | | | Kancellata b'nota 233/1998 |

[3] Tindika Privilegg Specjali
[4] Tindika Ipoteka Generali
[5] Tindika Ipoteka Specjali

| | | | |
|---|---|---|---|
| 1442/1996 | Mid-Med Bank Limited | Lm 20,000 (€ 46,587.47) - Overdraft | GH; SH fuq (a) l-utile dominju temporanju fuq ir-ristorant nru 17, Triq ir-Rabat, Marsalforn, Zebbug, Ghawdex; (b) id-dar Casa Farrugia, nru 11 + garaxx, Triq Dun Pawl Micallef, Victoria, Ghawdex; |
| 563/1997 | | | Kancellata b'nota 440/1999 |
| 1076/1997 | Francis Caruana Limited | Lm 86,000 (€ 200,326.11) – bilanc ta' merkanzija mibjugha | GH; SH fuq l-utile dominju temporanju fuq ir-ristorant nru 17, Triq ir-Rabat, Marsalforn, Zebbug, Ghawdex |
| 1082/1997 | Francis Caruana Limited | Lm 86,000 (€ 200,326.11) – bilanc ta' merkanzija minjugha | SH fuq (a) Casa Farrugia, Nru 11 + garaxx, Triq Dun Pawl Micallef bil-gnien anness; (b) il-lok ta' djar nru 60 u 61, Triq Dun Pawl Micallef, Victoria, Ghawdex; |
| 1204/1997 | Raymond Grech | Lm 16,831.90 (€ 39,207.78) | SLH[6] fuq l-utile dominju temporanju fuq ir-ristorant nru 17, Triq ir-Rabat, Marsalforn, Zebbug, Ghawdex |
| 1319/1998 | Mid-Med Bank | Lm 17,171.53 (€ 39,990.91) – Att ta' kostituzzjoni ta' Debitu | GH; SH fuq: (a) l-utile dominju temporanju fuq ir-ristorant nru 17, Triq ir-Rabat, Marsalforn, Zebbug, Ghawdex; (b) id-dar Casa Farrugia, nru 11 + garaxx, Triq Dun Pawl Micallef, Victoria, Ghawdex; |
| 1320/1998 | Mid-Med Bank | Lm 17,171.53 (€ 39,990.91) – Att ta' kostituzzjoni ta' Debitu | GH; SH fuq: (a) l-utile dominju temporanju fuq ir-ristorant nru 17, Triq ir-Rabat, Marsalforn, Zebbug, Ghawdex; (b) id-dar Casa |

[6] Tindika Ipoteka Legali Specjali

| | | | |
|---|---|---|---|
| | | | Farrugia, nru 11 + garaxx, Triq Dun Pawl Micallef, Victoria, Ghawdex; |
| 1321/1998 | Mid-Med Bank | Lm 21,585.09 (€ 50,279.93) – Att ta' kostituzzjoni ta' Debitu | GH; SH fuq: (a) l-utile dominju temporanju fuq ir-ristorant nru 17, Triq ir-Rabat, Marsalforn, Zebbug, Ghawdex; (b) id-dar Casa Farrugia, nru 11 + garaxx, Triq Dun Pawl Micallef, Victoria, Ghawdex; |
| 288/1999 | | | Kancellata b'nota 227/2005 |
| 1291/1999 | | | Kancellata b'nota 583/2005 |
| 663/2000 | | | Kancellata b'nota 653/2005 |
| 1008/2000 | | | Kancellata b'nota 583/2005 |
| 1319/2000 | | | Kancellata b'nota 568/2005 |
| 1375/2000 | | | Kancellata b'nota 568/2005 |
| 458/2002 | | | Kancellata b'nota 677/2005 |
| 833/2006 | Joseph u Annunziata sive Lucy Buttigieg | Lm 20,000 (€ 46,587.47) – bilanc tal-prezz ta' propjeta mibjugha | SP fuq il-fond nru 40, Triq Rachele Camilleri, Nadur, Ghawdex; |
| 1241/2007 | APS Bank Limited | Lm 150,000 (€ 349.406.01) | GH; SH u SP fuq garaxxijiet 4, 9, 22, 23, 24, 26, 31, 32 u appartament numri 3, 4, 1, 17, 18, 20, 9, 33, 34, 35, 36, 37, 38 u 39 formanti parti mill-izvilupp Tritons Court, mibni minflok il-fondi 17, 18, 19, Triq ir-Rabat, Marsalforn, Zebbug, Ghawdex; |
| 1436/2007 | Richard u Josianne Vella | Lm 17,000 (€ 39,599.35) – self | GH |
| 91/2009 | APS Bank Limited | € 195,379.96 – Konservar ta' Privilegg | SP fuq garaxxijiet 4, 9, 22, 23, 24, 26, 31, 32 u appartament numri 3, 4, 1, 17, 18, 20, 9, 33, |

| | | | |
|---|---|---|---|
| | | | 34, 35, 36, 37, 38 u 39 formanti parti mill-izvilupp Tritons Court, mibni minflok il-fondi 17, 18, 19, Triq ir-Rabat, Marsalforn, Zebbug, Ghawdex; |
| 678/2009; korretta b'nota 1410/2009 u 1455/2009 | APS Bank Limited | € 42,000 - Self | GH; SH fuq garaxxijiet 4, 9, 23, 24, 26, 31 u appartament numri 3, 4, 1, 18, 9, 34, 36, 37, 38 u 39 u ristorant fil-livell tal-ground-floor formanti parti mill-izvilupp Tritons Court, mibni minflok il-fondi 17, 18, 19, Triq ir-Rabat, Marsalforn, Zebbug, Ghawdex |
| 748/2009 | APS Bank Limited | € 93,000 - Self | GH; SH fuq ir-ristorant fil-livell tal-ground-floor u fuq l-appartament numri 1, 3, 4, 9, 18, 34, 36, 37, 38 u 39 formanti parti mill-izvilupp Tritons Court, mibni minflok il-fondi 17, 18, 19, Triq ir-Rabat, Marsalforn, Zebbug, Ghawdex |
| 1211/2011 | Stephen Farrugia<br>Josephine Farrugia<br>Sam Camilleri | € 51,250 – garanzija ghat-trasferiment ta' propjeta | SP fuq l-appartament numru 24 formanti parti mill-izvilupp Tritons Court, mibni minflok il-fondi 17, 18, 19, Triq ir-Rabat, Marsalforn, Zebbug, Ghawdex |
| 267/2013 | | | Kancellata b'nota 599/2016 |
| 280/2013 | | | Kancellata b'nota 220/2017 |
| 837/2014 | David u Carmela Farrugia | € 142,000 - Self | GH |
| 45/2015 ridotta b'nota 218/2017 | David u Carmela Farrugia | € 142,000 - Self | GH; |
| 488/2015 | | | Kancellata b'nota 533/2016 |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 489/2015 kif korretta bin-nota 664/2016 u ridotta b'nota 532/2016 | Sam Camilleri | € 12,000 – garanzija ghat-trasferiment tal-propjeta | SH fuq l-appartament numru 3B formanti parti mill-izvilupp Tritons Court, mibni minflok il-fondi 17, 18, 19, Triq ir-Rabat, Marsalforn, Zebbug, Ghawdex |
| 888/2015 | Stephen u Josephine Farrugia<br>Sam Camilleri | € 60,000 – garanzija ghat-trasferiment tal-propjeta | SH fuq l-appartament numru 39 formanti parti mill-izvilupp Tritons Court, mibni minflok il-fondi 17, 18, 19, Triq ir-Rabat, Marsalforn, Zebbug, Ghawdex |
| 1175/2015 | | | Kancellata b'nota 526/2016 |
| 241/2016 | | | Kancellata b'nota 531/2016 |
| 363/2016 | Ryan Zammit<br>Anthony u Mary Rose Zammit | € 91,100 - Self | SH u SP fuq l-appartament numru 4 formanti parti mill-izvilupp Tritons Court, mibni minflok il-fondi 17, 18, 19, Triq ir-Rabat, Marsalforn, Zebbug, Ghawdex |
| 396/2016 | | | Kancellata b'nota 530/2016 |
| 561/2016 | | | Kancellata b'nota 528/2016 |
| 691/2016 | | | Kancellata b'nota 558/2016 |
| 692/2016 | | | Kancellata b'nota 527/2016 |
| 1482/2016 ridotta b'nota 529/2016 | Joseph u Joanne Mary Farrugia | € 227,450.18 – prezz ta' propjeta imhallsa | SH fuq ir-ristorant Tritons li jifforma parti mill-izvilupp Tritons Court, mibni minflok il-fondi 17, 18, 19, Triq ir-Rabat, Marsalforn, Zebbug, Ghawdex; |
| 1531/2016 | | | Kancellata b'nota 533/2016 |
| 1717/2016 | Rosabelle Pavia<br>Mary Rita Buttigieg<br>Alan Buttigieg<br>Joseph Buttigieg | € 224,701.30 - Self | SH fuq ir-ristorant "Tritons", formanti parti mill-izvilupp Tritons Court, mibni minflok il-fondi 17, 18, 19, Triq ir-Rabat, Marsalforn, Zebbug, Ghawdex |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 1819/2016 | Anthony u Alice konjugi Vella | € 8,468.57 – valur ta' xoghol | SH fuq l-arji intizi ghall-formazzjoni tal-garaxxijiet 3 u 7 li sejrin jinbnew fuq is-sit li kien okkupat mill-fondi 10 u 11 fi Triq Dun Pawl Micallef, Victoria, Ghawdex;<br>SH fuq ir-ristorant "Tritons", formanti parti mill-izvilupp Tritons Court, mibni minflok il-fondi 17, 18, 19, Triq ir-Rabat, Marsalforn, Zebbug, Ghawdex; |
| 94/2017 | | | Kancellata b'nota 173/2017 |
| 199/2017 | Maryanne u Anthony Cauchi | € 20,000 - Self | GH |
| 284/2017 | Maryanne u Anthony Cauchi | € 21,556.16 – Self | SH fuq ir-ristorant bl-isem "Tritons" formanti parti mill-izvilupp Tritons Court, mibni minflok il-fondi 17, 18, 19, Triq ir-Rabat, Marsalforn, Zebbug, Ghawdex |
| 382/2017 | (i) Victor u Josette Aquilina<br>(ii) Sam Camilleri<br>(iii) John u Pauline Abela<br>(iv) Francesco u Mary Camilleri<br>(v) George u Antoinette sive Tanya Borg<br>(vi) Grena Investements Limited<br>(vii) Ruben u Denise Galea<br>(viii) Joseph sive Josef u | € 100,000 – garanzija sabiex jithallsu l-kontijiet b'rabta mal-bini tal-appartamenti fis-sit okkupat mill-fondi 10 u 11, Triq Dun Pawl Micallef, Rabat, Ghawdex | SH fuq ir-ristorant bl-isem "Tritons" formanti parti mill-izvilupp Tritons Court, mibni minflok il-fondi 17, 18, 19, Triq ir-Rabat, Marsalforn, Zebbug, Ghawdex |

| | | | |
|---|---|---|---|
| | Joanne Mary Farrugia (ix) Anthony u Veronica Muscat | | |
| 412/2017 | George u Emmanuela Grech | € 18,634.81 – kreditu dovut | GH |
| 451/2017 | | | Kancellata b'nota 221/2017 |
| 624/2017 ridotta b'nota 304/2018 | David u Carmela Farrugia | € 30,000 - Self | GH |
| 625/2017 | | | Kancellata b'nota 219/2017 |
| 1663/2017 | MG Administrators | € 3,608.48 – ammont dovut skont sentenza | GH |
| 1717/2017 | Alpine Holdings Limited | € 100,667 – garanzija ta' obbligi assunti | GH |
| 1987/2017 korretta b'nota 108/2018 | Antonio Castellano | € 9,678.43) – ammont dovut | GH |
| 2188/2017 | Alpine Holdings Ltd | € 100,667 – garanzija ta' obbligi assunti | SLH[7] fuq id-dar nru 60, Triq Dun Pawl Micallef, Rabat, Għawdex |
| 14/2018 | Carmelo Mercieca | € 25,420.77 – self, interessi u spejjez legai | GHL[8] |
| 15/2018 | Carmelo Mercieca | € 25,420.77 – self, interessi u spejjez legai | SH fuq l-arji intizi għall-formazzjoni tal-garaxxijiet 3 u 7 li sejrin jinbnew fuq is-sit li kien okkupat mill-fondi 10 u |

[7] Tindika Ipoteka Legali Specjali
[8] Tindika Ipoteka Generali Gudizzjali

| | | | |
|---|---|---|---|
| | | | 11 fi Triq Dun Pawl Micallef, Victoria, Ghawdex;<br>SH fuq ir-ristorant "Tritons", formanti parti mill-izvilupp Tritons Court, mibni minflok il-fondi 17, 18, 19, Triq ir-Rabat, Marsalforn, Zebbug, Ghawdex; |
| 23/2018 korretta b'nota numru 25/2018 | Charles Borg | € 22,595.98 – Self, interessi u spejjez | GHL |
| 26/2018 | Charles Borg | € 22,595.98 – Self, interessi u spejjez | SH fuq: (i) il-units kollha u garaxxijiet formanti parti mill-propjeta immobbli kollha formanti parti mill-korp bini bl-isem "Tritons Court", Triq ir-Rabat, Marsalforn, Zebbug, Ghawdex li ghadhom propjeta tad-debituri; (ii)l-arji intizi ghall-formazzjoni tal-garaxxijiet 3 u 7 li sejrin jinbnew fuq is-sit li kien okkupat mill-fondi 10 u 11 fi Triq Dun Pawl Micallef, Victoria, Ghawdex; (iii) il-units kollha mibnija fil-propjeta, is-sit u l-arja fejn qabel kien hemm fond numru sittin (60), Triq Dun Pawl Micallef, Victoria, Ghawdex, li ghadhom propjeta tad-debituri; (iv) ir-ristorant "Tritons", formanti parti mill-izvilupp Tritons Court, mibni minflok il-fondi 17, 18, 19, Triq ir-Rabat, Marsalforn, Zebbug, Ghawdex; |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 829/2018 | George u Gaetana Bugeja | € 595,010.31 – Self | GH |
| 947/2018 | George u Gaetana Bugeja | € 595,010.31 - Self | SH fuq l-units li ghadhom tad-debituri u li huma formanti parti mill-korp bini bl-isem ta' "Tritons Court", mibni minflok il-fondi 17, 18, 19, Triq ir-Rabat, Marsalforn, Zebbug, Ghawdex, eskluza l-arja tieghu |
| 1860/2018 | Antonio Castellano | € 9,678.43 – Ammont dovut bhala sorte, interessi u spejjez legali | SH fuq l-units li ghadhom tad-debituri u li huma formanti parti mill-korp bini bl-isem ta' "Tritons Court", mibni minflok il-fondi 17, 18, 19, Triq ir-Rabat, Marsalforn, Zebbug, Ghawdex |
| 7/2019 | Antoinio Castellano | € 9,678.43 – Ammont dovut bhala sorte, interessi u spejjez legali | SH fuq l-arji intizi ghall-formazzjoni tal-garaxxijiet 3 u 7 li sejrin jinbnew fuq is-sit li kien okkupat mill-fondi 10 u 11 fi Triq Dun Pawl Micallef, Victoria, Ghawdex; |

L-Avviż tas-subbasta odjerna maħruġ a tenur tal-artikolu 306 tal-Kap. 12 ġie debitament notifikat lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku (Ghawdex) fl-erbatax (14) ta' Diċembru 2017 (GS 8/2017).

- **Konkluzjoni**

Ghalkemm minn ezami li ghamel l-esponenti jirrizulta li l-propjetajiet in subbasta **kienu u ghadhom propjeta tal-intimati konjugi Farrugia**, l-istess propjetajiet huma kolpiti b'ammont sostanzjali ta' ipoteki registrati li mir-ricerki annessi ma' dan ir-rapport jirrizulta li ghadhom vigenti u mhux kancellati. Dan apparti l-ipoteka registrata mir-rikorrenti Anthony u Alice konjugi Vella, liema ipoteka ghandha r-riferenza numru GH 1819/2016.

L-esponenti jaghmel riferenza ghad-**Dokumenti JPG 10 sa 12** minn fejn in succint jirrizulta liema huma dawk l-ipoteki u kemm hu l-valur taghhom. Kif jirrizulta fuq

ir-ristorant Tritons wahdu hemm ipoteki li jammontaw ghal total ta' **zewg miljuni, mitejn u erbgha u disghin elf hames mija u tmintax -il ewro u ghoxrin centezmu (€ 2,294,518.20)**[9] filwaqt li fir-rigward tal-garaxxijiet fi Triq Dun Pawl Micallef hemm ipoteki li l-valur taghhom jammonta ghal **erba' mija u tlieta u erbghin elf tlett mija u disgha u tletin ewro u tmien centezmi (€ 443,339.08)**[10]**.**

Daqstant għandu x'jissottometti l-esponenti għas-savju u superjuri ġudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti.


**Av Jean Paul Grech**
Jon Apartments, Flat 1,
Triq Fortunato Mizzi
Rabat, Ghawdex
jpg502@hotmail.com


Illum 10 ta' Lulju 2019
Deher il-Perit Legali / Tekniku / Mediku
Dr Jean Paul Grech
li wara li ddikjara li ħallas l-ammont lilu dovut, ħalef/ħalfet li qeda/qdiet fedelment u onestament l-inkarigu mogħti lilu/ha.

Deputat Reġistratur..........

Illum 14 JUN 2019
Ipreżentata u maħlufa minn
Dr Jean Paul Grech
Għar-Reġistratur
li dokti annessi
14.06.2019
John Vella
Deputat Reġistratur

[9] Dan huwa t-total tal-ipoteki kollha eskluza l-ipoteka GH 1082/1997 u 7/2019 li jirreferu biss ghad-dar fi Triq Dun Pawl Micallef. Kalkolu anness bhala **Dokument JPG 11**.

[10] Kalkolu anness bhala **Dokument JPG 12**.